MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2011

Mandat Numru. 1378/2011/1

**Maria Debono, Alfred Scerri,**
**John Zammit, Rosina Cassar**

**vs**
**Malta Environment and Planning Authority (MEPA) sive Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-4 ta Ottubru 2011;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Ottubru 2011 fejn ordnat in-notifika w appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-12 ta' Ottubru 2011;

Rat ir-risposta tal-intimat tas-6 ta Ottubru 2011;

Rat li d-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2011;

Rat illi ir-rikors thalla ghad-digriet.

**Ikkunsidrat**

In sintesi t-tesi tar-rikorrenti hi s-segwenti. Huma ghandhom kawza pendenti kontra Philip Azzopardi rigwardanti l-eredita ta' Salvu Zammit. Jidher li huma qed jippruvaw jimpunjaw it-testment ta' Salvu Zammit fejn Philip Azzopardi hu msemmi bhala l-eredi universali tieghu.

Fil-fatt huma gia ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-istess Philip Azzopardi biex hu ma jissoktax bil-likwidazzjoni tal-eredita (Inib. 155/2011 deciz 24 ta' Frar 2011).

Huma konsapevoli tal-applikazzjoni li saret lill-Awtorita intimata sabiex Philip Azzopardi jizviluppa proprjeta li tifforma parti mill-eredita ta' Salvu Zammit. B'dan ir-rikors qed jitolbu lil Qorti milli tinibixxi lill-MEPA milli tipprocessa l-applikazzjoni biex jigu salvagwardati l-interessi tar-rikorrenti fl-eredita kontestata.

L-Awtorita tirrispondi illi ebda pregudizzju ma hu ser jinholoq lill-intimati bl-ipprocessar tal-applikazzjoni billi anki f'kaz positiv, kull permess ma jaghti ebda dritt ta' proprjeta lill-applikant u kull permess jinhareg biss in rigward ta' proprjeta u dejjem jinhareg 'salv drittijiet ta' terzi'.

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, id-difensur tal-Awtorita kkomunika lil Qorti illi l-applikazzjoni giet deciza fis-7 ta' Ottubru 2011 u inhareg il-permess. Ghalhekk illum ir-rikorrenti ma jistax jitlob li l-Awtorita tigi inibita dwar dak li gia jezisti bhala stat ta' fatt.

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu r-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-

tieni haga hi li r-rikkorent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Il-Qorti wara li qiset il-fatti migjuba quddiemha jirrizulta illi r-rikorrenti huma nieqsa mill-prova li ghandhom xi dritt prima facie biex izommu lil MEPA milli tipprocessa applikazzjoni. Ir-rikorrenti ghandhom pretensjoni kontra terzi izda sakemm tinqata l-kawza dwar il-validita tat-testment ma jistghux jallegaw li qed jivvantaw ebda dritt anki wiehed prima facie <u>fil-konfront tal-MEPA</u> kif trid il-ligi, li tipprekludi l-istess Awtorita tipprocessa applikazzjoni. Hu minnu illi l-Qorti diversament preseduta akkordat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex pendenti l-kawza dwar it-testment, Philip Azzopardi ma <u>jiddisponix</u> mill-eredita pero dan il-kaz hu divers billi b'dak li qed jigi mitlub ma jinfluix u ma jmiss direttament fuq l-eredita in kontestazzjoni u lanqas jolqot jew inehhi mis-sahha tal-mandat precitat. Kif gie sottomess mid-difensur tal-MEPA, ma jinghataw ebda drittijiet ta' proprjeta lill-applikant u anki jekk jinhareg permess dan hu soggett ghad-drittijiet ta' terzi fuq l-istess proprjeta.

Din il-Qorti izzid illi r-rikorrenti ghandhom gia mezzi adegwati biex jikkawtelaw l-interessi taghhom quddiem il-MEPA, il-Bord tal-Appelli tal-istess u finalment quddiem il-Qorti tal-Appell u dan minghajr ma jistultifikaw wiehed mid-doveri primarji tal-istess Awtorita cioe li taghti l-paramentri ta' kemm u safejn jista' jsir zvilupp fuq proprjeta u jhallu impregudikati d-drittijiet tac-cittadin fuq kwistjonijiet relatati ma' tali proprjeta, fejn l-istess cittadin hu protett bil-ligi u Qrati Ordinarji.

Din il-Qorti tqis ukoll li r-rikorrenti jonqsu mill-prova necessarja dwar in-necessita ghal hrug tal-mandat tant li

minghajru r-rikorrenti ser isofru pregudizzju li l-Qrati ormai sostnew b'kostanza li jrid ikun 'irrimedjabbli'. Mhux bizzejjed li r-rikorrenti jaghtu l-prova tal-utilita futura ghalihom bil-hrug tal-mandat izda jridu jmorru hafna oltre minn hekk u jippruvaw sodisfacentement lil din il-Qorti li minghajr il-hrug tal-mandat id-dritt taghhom ser ikun irreparabilment pregudikat. Dan ma sarx. Ma jfissirx b'daqshekk li f'dan l-istadju fejn inhareg permess u xi hadd jipprova jattwa tali permess, ir-rikorrenti ma jsibux il-protezzjoni tal-Qorti. Pero f'dan l-istadju t-talba hi nieqsa mill-element ta' dritt fil-konfront tal-MEPA u mill-irrimedjabilita ta' rimedju jekk it-talba ghal hrug ta' mandat ma jintlaqax.

Apparti dan il-Qorti tqis gustifikata wkoll is-sottomissjoni tal-intimat li ma jistax jinhareg mandat ta' inibizzjoni dwar fatt kompjut. Ara f'dan is-sens **James Pearsal vs Maurice Zarb Adami** (PA 23.07.2011 RCP).

Ghalhekk din il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi ma tistax tilqa t-talba tar-rikorrenti ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-Awtorita intimata u qed tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjes kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------